

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Sib Professjonist Legali](#) > [Tradutturi/Interpreti Legali](#) > Belgium

Tradutturi/Interpreti legali

Il-kontenut ipprovdut minn
Belġju

Belġju



Hawnhekk se ssib informazzjoni dwar kif issib interpretu, biex jaġixxi fi proċedimenti tal-qorti, jew traduttur, jekk meħtieġ, permezz ta' sit web uffiċjali.

Kif issib traduttur fil-Belġju

Il-Belġju bħalissa għandu żewġ bażijiet tad-*data* uffiċjali ċentrali, waħda għall-periti u waħda għat-tradutturi, l-interpreti u t-tradutturi-interpreti.

Dawn ġew stabbiliti skont il-Liġi tal-10 ta' April 2014.

L-ismijiet uffiċjali tagħhom huma dawn:

- Ir-Reġistru Nazzjonali tal-Periti (*Registre national des experts judiciaires*)
- Ir-Reġistru Nazzjonali tat-Tradutturi, l-Interpreti u t-Tradutturi-Interpreti (*Registre national des traducteurs, interprètes et traducteurs-interprètes*)

Il-Liġi daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2016.

Mill-15 ta' Ġunju 2017, dawn ir-reġistri kienu miftuħa għall-qradi. Dan ifisser li r-reġistri u l-uffiċċju tal-avukat tal-Istat mhux se jibqgħu jżommu listi ta' periti jew ta' tradutturi/interpreti.

Aktar 'il quddiem, il-pulizija se jkollha wkoll aċċess għal dawn ir-reġistri.

Eventwalment, kulħadd se jkun jista' jikkonsulta r-reġistri liberament fuq is-sit web tas-[Servizz Pubbliku Federali għall-Ġustizzja](#) (*Service public fédéral Justice*).

Links relatati

[Reġistri Nazzjonali tat-Tradutturi/tal-Interpreti u tal-Periti](#)

L-aħħar aġġornament: 03/05/2023

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.